2024/910

25.3.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/910

tal-15 ta' Diċembru 2023

li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forma u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi notifikata dwar l-attivitajiet transfruntieri tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u tal-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, kif ukoll tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar l-ittri ta' notifika transfruntiera, u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 584/2010

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(10), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 18(5), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 20(5), ir-raba' subparagrafu, u l-Artikolu 95(2), it-tieni subparagrafu tagħha,

Billi:

(1) L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti huwa parti mill-proċeduri amministrattivi fir-rigward tan-notifiki tal-kumpaniji maniġerjali u tal-UCITS li jkunu jixtiequ jwettqu attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni jew maniġerjali, jipprovdu servizzi jew jistabbilixxu fergħa fi Stati Membri ospitanti. Biex dawk il-proċeduri amministrattivi jkunu jistgħu jingħalqu bla xkiel, malajr, b'mod mhux burokratiku u affidabbli, jeħtieġ li jiġi speċifikat u armonizzat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti bl-iżvilupp ta' formoli, mudelli u proċeduri ta' kooperazzjoni armonizzati u li tiġi implimentata l-komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi.

(2) Biex l-ammont kbir ta' informazzjoni, mibgħuta u riċevuta fir-rigward tan-notifiki bejn l-Istati Membri, jiġi trażmess mingħajr telf ta' ħin u b'mod affidabbli, kosteffiċjenti u mhux burokratiku, huwa essenzjali li l-informazzjoni kkonċernata tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi. Minkejja li tali informazzjoni tista' tiġi pprovduta bil-posta elettronika, jenħtieġ li jkun possibbli li dik l-informazzjoni tiġi pprovduta wkoll permezz ta' teknoloġija elettronika oħra potenzjalment aktar avvanzata. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura dettaljata għal dawk it-trażmissjonijiet elettroniċi u sabiex jiġu ttrattati problemi tekniċi li jistgħu jseħħu fil-proċess tat-trażmissjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 584/2010 ([2]) armonizza ċerti aspetti tal-proċedura għan-notifika tal-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS fi Stat Membru ospitanti. B'mod partikolari, ir-Regolament jistabbilixxi ittra ta' notifika u attestazzjoni UCITS standardizzati. Id-Direttiva (UE) 2019/1160 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) emendat id-Direttiva 2009/65/KE biex tintroduċi rekwiżiti ġodda fir-rigward tal-kontenut tal-ittra ta' notifika li għandha tiġi ppreżentata mill-kumpaniji maniġerjali għall-kummerċjalizzazzjoni tal-unitajiet jew tal-ishma tagħhom fi Stat Membru ospitanti. Jenħtieġ li dawk l-emendi jiġu riflessi fir-Regolament (UE) Nru 584/2010, li għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 584/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forma u l-kontenut tal-ittra ta' notifika u attestazzjoni UCITS standardizzati, l-użu ta' komunikazzjoni elettronika bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' notifika, u proċeduri għal verifiki fuq il-post u investigazzjonijiet u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti (ĠU L 176, 10.7.2010, p. 16).

([3]) Id-Direttiva (UE) 2019/1160 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE fir-rigward tad-distribuzzjoni transfruntiera ta' impriżi ta' investiment kollettiv (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 106).

(4) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib peress li jittrattaw il-forma u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata bejn il-kumpaniji maniġerjali u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti meta l-kumpaniji maniġerjali jkollhom l-intenzjoni li jipprovdu servizzi transfruntieri. Sabiex tiġi żgurata koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess waqt, u biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva u aċċess effiċjenti għall-kumpaniji maniġerjali u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, huwa opportun li jiġu inklużi f'regolament wieħed.

(5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). L-ESMA qieset il-prattiki tas-suq eżistenti u r-regoli kif attwalment stabbiliti fil-Kapitolu I tar-Regolament (UE) Nru 584/2010.

(6) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar id-dispożizzjonijiet tal-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament relatati mal-mudelli għall-ittri ta' notifika għall-kummerċjalizzazzjoni u l-ġestjoni tal-UCITS fl-Istati Membri ospitanti, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(7) Sabiex il-kumpaniji maniġerjali u l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti f'dan ir-Regolament, ikun opportun li din l-applikazzjoni tiġi differita,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Forma u kontenut tal-mudell standard għall-ittra ta' notifika

1. Meta tippreżenta l-ittra ta' notifika msemmija fl-Artikolu 93(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, l-UCITS għandha tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Meta tipprovdi d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 20(1) ta-Direttiva 2009/65/KE, kumpanija maniġerjali għandha tuża l-mudell stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Trażmissjoni tan-notifiki magħmula skont l-Artikolu 20(1) u l-Artikolu 17(2) ittra (d) tad-Direttiva 2009/65/KE

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom l-indirizz tal-posta elettronika jew mezz ieħor ta' komunikazzjoni li għandu jintuża mill-kumpaniji maniġerjali biex jibagħtu n-notifiki f'konformità mal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2009/65/KE.

2. Il-kumpaniji maniġerjali għandhom jibagħtu n-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 f'format li jinqara mill-magni lill-indirizz tal-posta elettronika ippubblikat f'konformità mal-paragrafu 1 jew bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni ieħor stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 3

Mudelli li għandhom jintużaw għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju ta' kumpanija maniġerjali għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-kumpanija maniġerjali l-informazzjoni riċevuta skont l-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/65/KE billi jużaw il-mudelli stabbiliti fl-Anness III u, meta l-kumpanija maniġerjali jkollha l-ħsieb li tistabbilixxi fergħa, jikkomunikaw ukoll l-informazzjoni skont l-Artikolu 17(2), l-ittra (d) tad-Direttiva 2009/65/KE billi jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ta' domiċilju tal-UCITS għandhom jikkomunikaw id-dettalji ta' kwalunkwe skema ta' kumpens kif imsemmi fl-Artikolu 17(3), l-ewwel subparagrafu, u fl-Artikolu 18(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/65/KE bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-kumpanija maniġerjali għandhom jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness V ta' dan ir-Regolament għall-attestazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(3), it-tielet subparagrafu, u fl-Artikolu 18(2), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2009/65/KE.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ta' domiċilju tal-kumpanija maniġerjali għandhom jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament għall-attestazzjoni msemmija fl-Artikolu 93(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/65/KE.

Artikolu 4

Trażmissjoni tan-notifiki bejn awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeżinjaw punt ta' kuntatt uniku għall-komunikazzjoni u t-trażmissjoni tal-informazzjoni u tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw id-dettalji ta' dak il-punt ta' kuntatt, u kwalunkwe modifika ta' dak il-punt ta' kuntatt, lil kull awtorità kompetenti oħra.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-indirizz dežinjat tal-posta elettronika jew mezz ieħor ta' komunikazzjoni sabiex jirċievu notifiki jiġi mmonitorjat kull jum tax-xogħol.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu l-informazzjoni u d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 3 bil-posta elettronika jew, jekk jintgħażlu mezzi ta' komunikazzjoni oħra, f'format li jinqara mill-magni lill-punt ta' kuntatt imsemmi fil-paragrafu 1.

4. Il-komunikazzjoni u t-trażmissjoni tal-informazzjoni u tad-dokumentazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 18(2), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi, u fl-Artikolu 93(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/65/KE ma għandhomx jitqiesu li seħħew fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta informazzjoni jew dokumentazzjoni li kellha tiġi kkomunikata jew trażmessa tkun nieqsa, mhux kompluta jew tkun f'format ieħor għajr dak speċifikat fil-paragrafu 3;

(b) meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-kumpanija maniġerjali jew tal-UCITS ma jkunux użaw il-punt uniku ta' kuntatt dežinjat skont il-paragrafu 1 mill-awtorità kompetenti tal-UCITS jew mill-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS;

(c) meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-kumpanija maniġerjali jew tal-UCITS ikunu naqsu milli jittrażmettu d-dokumentazzjoni kompluta bħala riżultat ta' nuqqas tekniku fis-sistema elettronika tagħhom.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-kumpanija maniġerjali jew tal-UCITS għandhom jinnotifikaw lill-kumpanija maniġerjali dwar it-trażmissjoni tal-informazzjoni jew tad-dokumentazzjoni kompluti msemmija fl-Artikolu 17(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 18(2), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi, u fl-Artikolu 93(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/65/KE biss wara li jkunu żguraw li dik l-informazzjoni jew dik id-dokumentazzjoni tkun ġiet trażmessa lill-awtorità kompetenti riċeventi.

6. L-awtoritajiet kompetenti tal-kumpanija maniġerjali jew tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS li jkunu ġew infurmati jew li saru konxji li l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni kompluta msemmija fl-Artikolu 17(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 18(2), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi, u fl-Artikolu 93(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/65/KE ma ġietx trażmessa, għandhom minnufih jieħdu passi biex jittrażmettu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kompluti.

Artikolu 5

Irċevuta tan-notifiki bejn awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti li jirċievu l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 18(2), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi, u fl-Artikolu 93(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/65/KE għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-kumpanija maniġerjali jew tal-UCITS mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard minn ħames (5) ijiem tax-xogħol mid-data tal-irċevuta ta' dik l-informazzjoni jew dokumentazzjoni, u billi jużaw il-punt ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 4(1), dwar jekk:

(a) l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni humiex kompluti;

(b) l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni jistgħux jinqraw jew jiġu stampati.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS jew tal-kumpanija maniġerjali li jkunu għadhom ma rċevewx in-notifika msemmija fil-paragrafu 1 jew ma jkunux irċevew tali notifika fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 għandhom jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih il-kumpanija maniġerjali tixtieq twettaq l-attivitajiet li għalihom tkun ġiet awtorizzata jew li fih l-UCITS tipproponi li tikkummerċjalizza l-unitajiet jew l-ishma tagħha, u jaċċertaw jekk it-trażmissjoni tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kompluti tkunx seħħet jew le.

Artikolu 6

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 584/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 584/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Kapitolu I jitħassar;

(2) L-Annessi I u II jitħassru.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika minn 14 ta' Lulju 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Mudell għall-ittra ta' notifika li għandha tiġi ppreżentata minn UCITS għall-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-UCITS skont l-Artikolu 93(1) tad-Direttiva 2009/65/KE

ITTRA TA' NOTIFIKA

NOTIFIKA TA' INTENZJONI GĦALL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TA' UNITAJIET TA' UCITS

FI _____ (*l-Istat Membru ospitanti*) ([1])

Qiegħed tinnotifika emendi għal informazzjoni diġà pprovduta f'notifika inizjali? Iva □ Le □

F'każ li t-tweġiba għal din il-mistoqsija kienet "Iva", imla biss l-informazzjoni aġġornata meta mqabbla man-notifika preċedenti u indika d-data tan-notifika preċedenti: _____.

WERREJ

PARTI 1— Informazzjoni dwar il-kumpanija maniġerjali jew dwar l-UCITS immaniġġjata internament

Taqsima 1. Identifikazzjoni tal-kumpanija maniġerjali jew tal-UCITS immaniġġjata internament

Taqsima 2. Faċilitajiet għall-investituri

PARTI 2— Informazzjoni dwar l-UCITS

Taqsima 1. Identifikazzjoni tal-UCITS

Taqsima 2. Arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni ta' unitajiet ta' UCITS

Taqsima 3. Dokumenti mehmuża

PARTI 3— Konferma tal-kompletezza

PARTI 1

Informazzjoni dwar il-kumpanija maniġerjali jew dwar l-UCITS immaniġġjata internament

Taqsima 1. Identifikazzjoni tal-kumpanija maniġerjali jew tal-UCITS immaniġġjata internament

Informazzjoni dwar il-kumpanija maniġerjali jew dwar l-UCITS immaniġġjata internament	
Kumpanija maniġerjali jew UCITS immaniġġjata internament ([1])	
LEI tal-kumpanija maniġerjali jew tal-UCITS immaniġġjata internament ([1])	
Kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-kumpanija maniġerjali jew tal-UCITS immaniġġjata internament (jekk disponibbli) ([1])	
Stat Membru ta' domiċilju tal-kumpanija maniġerjali jew tal-UCITS immaniġġjata internament ([1])	
L-indirizz u l-uffiċċju reġistrat/domiċilju (jekk ikun differenti mill-indirizz)	

([1]) Imla ittra waħda ta' notifika għal kull Stat Membru li fih hija prevista l-kummerċjalizzazzjoni ta' UCITS.

Dettalji tas-sit web tal-kumpanija maniġerjali jew tal-UCITS immaniġġjata internament	

([1]) Din il-kaxxa għandha dejjem timtela, anke fil-każ ta' aġġornamenti.

Dettalji ta' kuntatt tad-dipartiment (jew punt ta' kuntatt) tal-kumpanija maniġerjali jew tal-UCITS immaniġġjata internament responsabbli għall-ittra ta' notifika	
Dipartiment (jew punt ta' kuntatt)	
Numru tat-telefown	
Indirizz tal-email	

Dettalji tal-parti terza (jekk il-kumpanija maniġerjali jew l-UCITS immaniġġjata internament tqabbad parti terza biex tagħmel in-notifika)	
Parti terza	
Indirizz u, jekk ikun differenti mill-indirizz, l-uffiċċju reġistrat/domiċilju	
Dipartiment (jew punt ta' kuntatt)	
Numru tat-telefown	
Indirizz tal-email	

Dipartiment (jew punt ta' kuntatt) għat-trażmissjoni tal-fattura jew għall-komunikazzjoni ta' kwalunkwe tariffa jew ħlas regolatorji applikabbli (jekk applikabbli) ([1])	
Isem tal-entità	
L-indirizz u, jekk differenti mill-indirizz, l-uffiċċju reġistrat/domiċilju	
Dipartiment (jew punt ta' kuntatt)	
Numru tat-telefown	
Indirizz tal-email	

([1]) Indika punt uniku għat-trażmissjoni tal-fattura jew għall-komunikazzjoni ta' kwalunkwe tariffa jew ħlas regolatorji applikabbli msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1156 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera tal-impriżi ta' investiment kollettiv u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013, (UE) Nru 346/2013 u (UE) Nru 1286/2014 (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 55) u fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/955 tas-27 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1156 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-formoli, il-mudelli, il-proċeduri u l-arranġamenti tekniċi għall-pubblikazzjonijiet u n-notifiki ta' regoli ta' kummerċjalizzazzjoni, tariffi u imposti, u li jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata għall-ħolqien u ż-żamma tal-bażi ta' data ċentrali dwar il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-AIFs u l-UCITS, kif ukoll il-formoli, il-mudelli u l-proċeduri għall-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 30). Dan il-punt ta' kuntatt jista' jkun l-istess bħall-punt ta' kuntatt dežinjat fi ħdan il-kumpanija maniġerjali, jew bħall-punt ta' kuntatt fi ħdan parti terza maħtura.

Speċifika liema indirizz tal-posta elettronika pprovdut f'din it-taqsima (punt ta' kuntatt fil-kumpanija maniġerjali jew fl-UCITS immaniġġjata internament, punt ta' kuntatt fi ħdan il-parti terza maħtura jew punt ta' kuntatt għat-trażmissjoni tal-fattura) huwa l-indirizz preferut fejn l-awtorità nazzjonali kompetenti ospitanti tista' tittrażmetti kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali (fost l-oħrajn, login u password biex taċċessa s-sistemi nazzjonali għar-rappurtar)	

Taqsima 2. Faċilitajiet għall-investituri

F'konformità mal-Artikolu 93(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, imla t-tabella li ġejja biex tipprovdi informazzjoni dwar il-faċilitajiet li jwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 92(1) ta' dik id-Direttiva:

Kompiti	Informazzjoni dwar il-faċilitajiet li jwettqu l-kompiti	Isem/forma ġuridika/indirizz, email, u n-numru tat-telefown għall-korrispondenza tal-entità responsabbli biex tipprovdi l-faċilitajiet
L-ipproċessar tal-ordnijiet ta' sottoskrizzjoni (jew riakkwist) u t-twettiq ta' pagamenti oħra lit-titolari ta' unitajiet relatati mal-unitajiet tal-UCITS		
Il-provvista lill-investituri b'informazzjoni dwar kif jistgħu jsiru l-ordnijiet u kif jitħallas ir-rikavat mit-tifdija (jew mir-riakkwist)		
L-iffaċilitar tat-trattament ta' informazzjoni u l-aċċess għall-proċeduri u għall-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/65/KE marbuta mal-eżerċizzju min-naħa tal-investituri tad-drittijiet tagħhom		
It-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-investituri tal-informazzjoni u tad-dokumenti meħtieġa skont il-Kapitolu IX tad-Direttiva 2009/65/KE		
Il-provvista lill-investituri ta' informazzjoni rilevanti għall-kompiti li jwettqu l-faċilitajiet f'mezz durabbli		
L-aġir bħala punt ta' kuntatt għall-komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti		

PARTI 2

Informazzjoni dwar l-UCITS

Taqsima 1. Identifikazzjoni tal-UCITS

Imla t-tabella ta' hawn taħt b'informazzjoni għal kull UCITS li biħsiebek tikkummerċjalizza fl-Istat Membru ospitanti, billi toħloq tabella ġdida għal kull UCITS u billi tindika biss klassi ta' ishma waħda (isem u ISIN) f'kull linja. Meta UCITS tieħu l-forma ta' UCITS umbrella b'diversi kompartimenti jew subfondi, ir-referenzi għall-UCITS fit-tabella ta' hawn taħt għandhom jinftiehmu li jirreferu għall-kompartiment jew is-subfond li għandu jiġi kkummerċjalizzat fl-Istat Membru ospitanti u mhux għall-UCITS umbrella, li għandha tiġi indikata separatament fil-kolonna korrispondenti.

Isem l-UCITS li trid tiġi kummerċjalizzata fl-Istat Membru ospitanti	Stat Membru ta' domiċilju tal-UCITS	Forma ġuridika tal-UCITS ([1])	LEI tal-UCITS (jekk disponibbli)	Isem il-klassi(jiet) ta' ishma li jridu jiġu kummerċjalizzati fl-Istat Membru ospitanti ([2])	ISIN tal-klassi(jiet) ta' ishma li jridu jiġu kummerċjalizzati fl-Istat Membru ospitanti ([2])	Tul ta' żmien tal-UCITS (jekk applikabbli)	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-UCITS (jekk disponibbli)	Isem l-UCITS umbrella (*jekk applikabbli*)

([1]) Il-forma ġuridika hija waħda minn dawn: fond komuni, unità fiduċjarja, kumpanija ta' investiment, jew kwalunkwe forma ġuridika oħra disponibbli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS.

([2]) Elenka biss dawk il-klassijiet ta' ishma li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom hija maħsuba.

Taqsima 2. Arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni ta' unitajiet ta' UCITS

L-unitajiet tal-UCITS/tal-kompartimenti tal-UCITS se jiġu kkummerċjalizzati minn:

☐ il-kumpanija maniġerjali li timmaniġġja l-UCITS jew l-UCITS immaniġġjata internament

☐ istituzzjonijiet ta' kreditu

☐ ditti ta' investiment jew konsulenti awtorizzati

☐ korpi oħrajn, inklużi korpi li jinsabu f'pajjiż terz. Jekk jogħġbok speċifika: _____

Taqsima 3. Dokumenti meħmuża

(1) L-aħħar verżjoni tar-regoli tal-fond jew strumenti ta' inkorporazzjoni, u traduzzjoni jekk tkun meħtieġa, skont l-Artikolu 94(1)(c) tad-Direttiva 2009/65/KE.

(Titlu ta' dokument jew isem il-fajl elettroniku mehmuż)

(2) L-aħħar verżjoni tal-prospett, u traduzzjoni jekk tkun meħtieġa, skont l-Artikolu 94(1), il-punt (c) tad-Direttiva 2009/65/KE.

(Titlu ta' dokument jew isem il-fajl elettroniku mehmuż)

(3) L-aħħar verżjoni tat-tagħrif ewlieni għall-investitur, u traduzzjoni jekk tkun meħtieġa, skont l-Artikolu 94(1), il-punt(b) tad-Direttiva 2009/65/KE.

(Titlu ta' dokument jew isem il-fajl elettroniku mehmuż)

(4) L-aħħar rapport annwali ppubblikat u kwalunkwe rapport ta' nofs is-sena sussegwenti, u traduzzjoni jekk tkun meħtieġa, skont l-Artikolu 94(1), il-punt (c) tad-Direttiva 2009/65/KE (fejn disponibbli).

(Titlu ta' dokument jew isem il-fajl elettroniku mehmuż)

(5) Jekk ikun meħtieġ mill-Istat Membru ospitanti tal-UCITS, evidenza tal-pagament dovut lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti

(Titlu ta' dokument jew isem il-fajl elettroniku mehmuż)

Nota:

L-aħħar verżjonijiet tad-dokumenti meħtieġa jridu jiġu mehmuża ma' din l-ittra għal trażmissjoni 'l quddiem mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS, anke meta kopji jkunu ġew ipprovduti lil dik l-awtorità minn qabel. Jekk id-dokument ikun diġà ntbagħat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS u jkun għadu validu, l-ittra ta' notifika tista' tirreferi għal dak il-fatt.

Ipprovdi l-link għall-aħħar kopji elettroniċi tal-hemżiet:

_____

PARTI 3

Konferma tal-kompletezza

Konferma mill-UCITS

Aħna hawnhekk nikkonfermaw li d-dokumenti mehmuża ma' din l-ittra ta' notifika jinkludu l-informazzjoni rilevanti kollha kif previst fid-Direttiva 2009/65/KE.

(*L-ittra ta' notifika għandha tiġi ffirmata minn firmatarju awtorizzat tal-UCITS jew persuna terza mogħtija s-setgħa b'mandat bil-miktub sabiex taġixxi f'isem l-UCITS li tinnotifika, f'manjiera li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS jaċċettaw għaċ-ċertifikazzjoni ta' dokumenti. Il-firmatarju għandu jiddikjara l-isem sħiħ u l-kariga tiegħu jew tagħha, u għandu jiżgura li l-konferma tkun datata.*)

Data	
Isem u kariga tal-firmatarju	
Firma	

ANNESS II

Mudell għall-ittra li għandha tiġi ppreżentata minn kumpanija maniġerjali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2009/65/KE

ITTRA TA' NOTIFIKA

NOTIFIKA TAL-INTENZJONI TA' KUMPANIJA MANIĠERJALI LI TIMMANIĠĠJA UCITS STABBILITA FI STAT MEMBRU IEĦOR F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 20(1) TAD-DIRETTIVA 2009/65/KE

FI _____ (*l-Istat Membru/i ospitanti*)

Qiegħed tinnotifika emendi għall-informazzjoni diġà pprovduta f'notifika inizjali? Iva □ Le □

Jekk it-tweġiba għal din il-mistoqsija hija "Iva", imla biss l-informazzjoni aġġornata meta mqabbla man-notifika preċedenti u indika d-data tan-notifika preċedenti: _____

WERREJ

PARTI 1— Informazzjoni dwar il-kumpanija maniġerjali

PARTI 2 — Identifikazzjoni tad-delegat u tal-funzjonijiet delegati

PARTI 3— Dokumenti mehmuża

PARTI 1

Informazzjoni dwar il-kumpanija maniġerjali

Informazzjoni dwar il-kumpanija maniġerjali	
Kumpanija maniġerjali ([1])	
LEI tal-kumpanija maniġerjali ([1])	
Kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-kumpanija maniġerjali (jekk disponibbli) ([1])	
L-Istat Membru ta' domiċilju tal-kumpanija maniġerjali ([1])	
L-indirizz u, jekk ikun differenti mill-indirizz, l-uffiċċju reġistrat/domiċilju	
Dettalji tas-sit elettroniku tal-kumpanija maniġerjali	

([1]) Din il-kaxxa għandha timtela dejjem, anke fil-każ ta' aġġornamenti.

Dettalji ta' kuntatt tad-dipartiment (jew punt ta' kuntatt) tal-kumpanija maniġerjali responsabbli għan-notifika	
Dipartiment (jew punt ta' kuntatt)	
Numru tat-telefown	

Indirizz tal-email	

Dettalji tal-parti terza (meta l-kumpanija maniġerjali taħtar parti terza biex tagħmel in-notifika)	
Parti terza	
Indirizz u, jekk differenti mill-indirizz, l-uffiċċju reġistrat/domiċilju.	
Dipartiment (jew punt ta' kuntatt)	
Numru tat-telefown	
Indirizz tal-email	

Punt ta' kuntatt għat-trażmissjoni tal-fattura jew għall-komunikazzjoni ta' kwalunkwe tariffa jew ħlas regolatorji (jekk applikabbli) [1]	
Isem l-entità	
Dipartiment (jew punt ta' kuntatt)	
Indirizz u, jekk ikun differenti mill-indirizz, uffiċċju reġistrat/domiċilju	
Numru tat-telefown	
Indirizz tal-email	

[1] Indika punt ta' kuntatt uniku għat-trażmissjoni tal-fattura jew għall-komunikazzjoni ta' kwalunkwe tariffa jew ħlas regolatorji applikabbli msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1156 u fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/955. Dak il-punt ta' kuntatt jista' jkun l-istess bħall-punt ta' kuntatt maħtur fi ħdan il-kumpanija maniġerjali, jew punt ta' kuntatt f'parti terza maħtura.

